MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-21 ta' Settembru, 2013

Numru. 922/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeanne Farrugia)**
**vs**
**Abdu Sabr Juhar**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abdu Sabr Juhar, ta’ 28 sena, imwieled l-Etjopja fis-17 ta’ Marzu, 1985, iben Saber u Muna Adam, residenti fic-Centru Miftuh ta’ Hal Far, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 81761A u numru moghti mill-Pulizija numru 11C-140.

Akkuzat talli fil-21 ta’ Settembru, 2013 f’dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’passaport jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport li hu kien jaf li huwa iffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih u cioe’ passaport f’isem Ahmed Ibrahim Salad bin-numru F3675246.

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok, u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmi.

Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita' legittima uza dokument, cioe passaport bin-numru F3675246 mehtieg ghal fini ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni li kien iffalsifikat.

Rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sebgha (7) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------